Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 131/2010

**Paul Bugeja u b'digriet tal-20 ta' Marzu 2018 il-qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Anna Bugeja (appellant)**

**Vs**

**William Bugeja (appellat)**

30 ta' Lulju, 2018.

1. B'sentenza tas-27 ta' Frar, 2018 il-Bord Li Jirregola l-Kera laqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li kienet taqra, *"Illi preliminarjament ir-rikorrenti jehtieglu jipprova l-interess guridiku tieghu sabiex jipproponi din l-azzjoni stante li hu mhuwiex l-uniku proprjetarju tal-fond de quo"*.

2. Fis-sentenza intqal:

   *"Għalhekk li jinghad fl-affidavit tar-rikorrent a folio 16 tal-process u f'dak ta' bintu a folio 26 tal-process, illi huwa proprjetarju ma hux bizzejjed biex ir-rikorrent jipprova l-interess guridiku tieghu meta l-intimata ghamel din l-eccezzjoni. Kien jinkombi lir-rikorrent li jgib il-prova tal-interess guridiku tieghu"*.

3. Fl-20 ta' Marzu, 2018 Anna Bugeja appellat mis-sentenza fejn ikkontestat ir-ragunament tal-Bord Li Jirregola l-Kera li kien wassalha biex tilqa' l-ewwel eccezzjoni. L-aggravji huma:

   i. In-newtralizazzjoni intrinsika tal-ewwel eccezzjoni.
   ii. In-natura kontradittorja tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni, u l-eccezzjoni ulterjuri.
   iii. Il-konvenut rrinunzja tacitament ghall-ewwel eccezzjoni.

4. Fis-16 ta' April, 2018 il-konvenut wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. Fit-2 ta' Novembru, 2010 l-attur harrek lill-konvenut quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera fejn talab dikjarazzjoni li l-kirja tal-fond Hompesch Farm, Triq il-Hlas, Qormi kient spiccat u sabiex il-Bord jiffissa terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tal-konvenut.

6. M'huwiex kontestat li l-attur, li miet fil-mori tal-kawza, kien sid il-kera. Bhala tali zgur li kellu interess guridiku sabiex jipproponi l-kawza fejn talab li l-inkwilin jigi zgumbrat minhabba li kien skada l-perjodu lokatizju. Il-kirja saret permezz ta' skrittura privata datata 5 ta' Lulju, 2006 li ffirmaw il-kontendenti u fejn inghad:

*"Permezz ta' din l-iskrittura Pawlu Bugeja (karta tal-identita nru 162438M) qieghed jikkoncedi b'titolu ta' kera lil William Bugeja (karta tal-identita nru 595863M) il-fond li jinsab fi Triq tal-Hlas, Qormi, konsistenti minn garaxxijiet u zewg btiehi li qieghed jintuza mill-istess William Bugeja. Din il-kirja qieghda ssir ghal zmien 18-il xahar (tmintax-il xahar) mil-lum.*

*Il-kera tithallas kull xahar b'kera, versu l-hlas ta' Lm15 (hmistax il-lira) kuljum".*

7. Fl-eccezzjoni preliminari il-konvenut ma kkontestax li Paul Bugeja hu sid. Fl-affidavit xehed, *"il-genituri tieghi kienu xtraw flimkien ghalqa ta' madwar hamest itmiem li tinsab fi Triq tal-Hlas, Hal-Qormi".* Fl-eccezzjoni ntqal li l-attur kellu jagħti prova tal-interess ġuridiku, *"... stante li hu mhuwiex l-uniku proprjetarju tal-fond de quo".* Paul Bugeja kien xehed li l-fond hu proprjeta tieghu u ta' martu, Anna Bugeja. Fit-trattazzjoni quddiem il-Bord, id-difensur tal-konvenut spjegat li l-kawza kellha ssir ukoll mill-mara. Fis-sentenza l-Bord kien korrett meta qal li r-raġunament tal-konvenut għandu pjuttost mill-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju. Għalhekk din il-qorti ma tifhimx kif imbaghad il-Bord għadda biex laqa' l-eċċezzjoni bazata fuq l-interess ġuridiku ta' Paul Bugeja. Il-Bord kellu jiddeciedi l-eccezzjoni skont kif ipproponiha l-konvenut. Fl-eccezzjoni l-konvenut talab prova tal-interess guridiku tal-attur. Prova li saret. L-iskrittura ta' lokazzjoni saret bejn Paul Bugeja u l-konvenut apparti li m'huwiex kontestat li Paul Bugeja kien sid il-fond. Provi cari li juru li Paul Bugeja kellu interess guridiku sa mill-bidunett tal-kawza u l-interess baqa' hemm sakemm miet.

8. Dan apparti li mill-atti jirrizulta li:

    i. Fis-17 ta' Jannar, 2018 miet Paul Bugeja;
    ii. Fil-5 ta' Frar, 2018 il-konvenut talab lill-Bord sabiex fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2018 ma jatix is-sentenza sabiex jigi determinat min huma l-werrieta tieghu. Ghalkemm il-Bord ordna n-notifika tar-rikors bi dritt ta' twegiba fi zmien gimgha, fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2018 xorta nghatat is-sentenza.
    iii. Fl-14 ta' Marzu, 2018 Anna Bugeja, mart il-mejjet Paul Bugeja, ipprezentat rikors fejn talbet li ssir trasfuzjoni tal-gudizzju f'isimha ghaliex hi l-uniku werrieta ta' zewgha. Fl-14 ta' Marzu, 2018 il-Bord iddikjara li mhux ser iqies it-talba ghar-ragunijiet li semma fid-digriet.

9. In vista ta' dak li nghad hawn fuq hu llum stabbilit li wara li miet Paul Bugeja, l-uniku persuna li ghandha nteress biex tkompli l-kawza minfloku hi proprju Anna Bugeja.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tas-27 ta' Frar, 2018 u tichad l-ewwel eccezzjoni. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenut.**

**Ir-Registratur ghandu minnufih jibghat l-atti quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera sabiex jissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.